**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-24 ta' Awwissu, 2020

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
(Spettur Darren Buhagiar)

***vs***

**Ousmanie Diakite (Detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana Nru. CA58853AY)**

**Il-Qorti,**

1. Rat li Ousmanie Diakite ta' 29 sena, nazzjonalita' tal-Mali, iben Mohammed u Sira, imwieled il-Mali fl-1 ta' Jannar 1991, residenti Sardinja, l-Italja u detentur tal-karta tal-identita' Taljana Nru. CA58853AY, gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

    1. *"Talli fl-20 ta' Lulju 2020 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer jew fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokumenti jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti li huwa kien jaf li gew ffalsifikati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom, u cioe kellu fil-pussess tieghu passaport tal-aljeni Taljan falz u permess ta' residenza Taljan falz (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

2. *"Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti, fid-dokumenti fuq imsemmija gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (<u>Kap. 9, Art 189 tal-Ligijiet ta' Malta</u>)"*

2. Rat id-dokumenti esebiti.

3. Rat li ghalkemm fl-istadju tal-prezentata l-imputat wiegeb li ma' kienx hati, madanakollu fis-seduta tal-lum l-istess imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

4. Rat illi wara li l-Qorti fissret lill-imputat il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatu zmien biex jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

5. Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

6. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li gew ammessi u l-ammissjoni fl-istadju kwazi inizjali ta' dawn il-proceduri u ma' tarax li ghandha ghalfejn tmur oltre l-piena minima.

**Decide**

7. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 61 Art. 5 u Kap. 9 Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta) issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur. B'dan li jrid jitnaqqas mill-piena kwalunkwe perjodu ta' zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**